# Lectio Divina

It-Tielet Ħadd tal-Għid (A)

Lq 24, 13-35

**Dakinhar stess fl-ewwel jum tal-ġimgħa,**

Dan ir-rakkont jagħmel parti minn *trittiku* li permezz tiegħu l-evanġelista Luqa f'kap. 24 jirrakkonta tliet dehriet ta' Kristu Rxoxt: in-*nisa u l-qabar vojt* (vv.1-12); id-*dixxipli ta' Għemmaws* (vv. 13-35); u d-dehra *lill-Ħdax* (vv. 36-47). Fiċ-ċentru ta' kull kwadru nsibu "*kerigmi bijografiċi"* (vv. 6-7.19-20.26-27.44-46) li jiġbru fil-qosor il-kontenuti tal-fidi Paskwali u tal-predikazzjoni – l-evanġelista jagħti lil dan il-kapitlu piż duttrinali. Insibu *mixja progressiva* kemm fix-xhieda tal-qawmien: in-nisa – id-dixxipli ta' Għemmaws – il-Ħdax; kif ukoll fil-mod kif jidher Kristu: in-nies jagħrfu li Kristu qam mill-imwiet mis-sinjal tal-«ġebla mgerba» (v.2) u d-dehra ta' żewġt irġiel b'ilbies jiddi (v.4); mad-dixxipli ta' Għemmaws Kristu jingħaraf fil-mument tal-qsim tal-ħobż u dak il-ħin stess jgħib (v.31); biex imbagħad jidher lill-Ħdax u jurihom idejh u riġlejh sabiex imissuh (v.39).

**ġara li tnejn mid-dixxipli**

Iż-żewġ dixxipli ma jagħmlux parti mill-Ħdax. Huma jirrappreżentaw il-ġenerazzjoni ta' dawk li lil Kristu ser jagħrfuh permezz tat-*tfissir tal-Iskrittura* u l-*qsim tal-ħobż* – infatti f'dan l-episodju ma' nistgħux nitkellmu minn "dehra" bħall-oħrajn ta' Kristu Rxoxt. L-evanġelista qed jikteb lill-ġenerazzjoni ta' «Teofilu» (*Lq* 1,3; *Atti* 1,1 ) sabiex «tagħraf sewwa l-verità sħiħa dwar kull ma tgħallimt» (*Lq* 1,4).

**kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm, jitħaddtu bejniethom fuq kulma kien ġara.**

Għemmaws huma *imkien imbiegħed*, id-destinazzjoni ta' min jimxi fid-*direzzjoni opposta* għall-mixja wara Kristu. Id-dixxipli jitbiegħdu minn « Ἰερουσαλήμ » (vv. 13.18.33) forma Semitika) – huwa l-post tal-ġrajja tal-Għid, id-destinazzjoni tal-Imgħallem biex hemm jiġi meħud u maqtul u fit-tielet jum iqum mill-imwiet: hu «b'rieda sħiħa» (*Lq* 9,51) idur u jibda

miexi mingħajr tnikkir lejn dan il-post: «Madankollu llum u għada u pitgħada jeħtieġli nissokta t-triq tiegħi, għax ma għandux ikun li profeta jinqered barra minn Ġerusalemm.» (*Lq* 13,33). Iż-żewġ dixxipli jitbiegħdu anki mill-*bqija tad-dixxipli* (v. 13) u għalkemm mexjin flimkien, huma anke *mifrudin bejniethom* tant li qegħdin "jiddibattu" (v. 17 « ἀντιβάλλειν » - iwaddbu kontra xulxin). Huma *mbiegħda minn Ġesù* li jqisuh «barrani» (v.18) għall-ġrajjiet li seħħu u li huma stess ma jistgħux jifhmu. Għaldaqstant huma għandhom «ħarsa ta' niket fuq wiċċhom» (v. 17): qalbhom hija mdallma u mingħajr tama.

**Huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom. Imma għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh.**

Ġesù huwa l-"Viandante" – *pellegrin* illi jersaq lejn id-dixxipli bħala "raġġ ta' dawl li qajjem mill-ġdid it-tama u fetħilhom qalbhom għax-xewqa tad-dawl sħiħ" (Ġwanni Pawlu II). Hu jterraq mad-dixxipli l-mogħdija tad-dubju biex iwassalhom għad-dawl tal-aħbar li tassew dak li kienu ħabbru l-anġli lin-nisa huwa minnu, «li hu ħaj» (v. 23). Dan l-episodju joqrob lejn dak ta' Flippu u l-ewnuku fl-Atti tal-Appostli (*Atti* 8, 26-40) fejn Filippu mbuttat mill-Ispirtu jiġri lejn l-ewnuku li jinsab fi triqtu lura *minn Ġerusalemm* biex permezz tal-ispjegazzjoni tal-Iskrittura joħorġu mid-dlam tiegħu u jwasslu għall-Magħmudija. Id-*differenza* bejn iż-żewġ episodji hija li filwaqt li f'dik ta' Għemmaws hija l-Iskrittura li titfa' dawl fuq Kristu, fl-episodju tal-ewnuku huwa Kristu li jdawwal l-Iskrittura. Id-dixxiplu għandu l-missjoni li jagħmel bħal Filippu u fuq l-*eżempju ta' Kristu* jterraq, *jakkumpanja* lill-bniedem ta' żmienu billi jidħol fil-*qalb tad-dubji tiegħu* u jħabbarlu l-Bxara t-Tajba (aqra *Evangelii gaudium*, 24).

**[...] Imbagħad wieħed minnhom, jismu Kleofa, wieġeb u qallu: «Inti waħdek barrani f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?»**

L-isem Κλεοπᾶς huwa verżjoni mqassra tal-isem Grieg Κλεοπᾶτρος li jista' ifisser «glorja tal-missier». M'għandniex l-isem tad-dixxiplu l-ieħor: nistgħu ninterpretaw dan bħala possibilità li nidentifikaw ruħna miegħu: aħna msejħin biex inkunu l-*glorja tal-Missier* billi fl-Iben (mimli bil-«glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni» *Ġw* 1,14; 8,54) inwettqu r-rieda tiegħU: «Din hi l-glorja ta' Missieri, li intom tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi.» (*Ġw* 15,8),

**«X'ġara?» staqsiehom Ġesù. Qalulu: «Dak li ġara lil Ġesù ta' Nażaret, li kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu, kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tawh f'idejn il-gvernatur biex ikun ikkundannat għall-mewt u sallbuh...**

Id-dixxipli *jagħtu informazzjoni korretta* imma nkompleta fuq Ġesù - jafu minn liema raħal kien – u għandhom *apprezzament* għall-persuna ta' «Ġesù ta' Nażaret». Huma ma jagħmlux ġudizzji negattivi, anzi jagħrfuh bħala «profeta setgħan fl-għemil u l-kliem». Din l-istqarrija tixbah oħra li nsibu applikata għal Mosè (cf. *Atti* 7,22). Ġesù mhuwiex sempliċiment «wieħed mill-profeti» (*Mt* 16,14). Għalkemm Ġesù ma japplikax għalih it-titlu ta' «profeta» - jekk mhux indirettament u b'mod mistur (*Lq* 13,33) – il-folla tagħrfu bħala «profeta kbir» li jqum f'nofsha (*Lq* 7,16). Huwa l-Profeta li bil-miġja tiegħu jiftaħ l-era Messjanika, il-Mosè tal-«eżodu» (cf. *Lq* 9,31) tal-patt il-ġdid (*Dt* 18,15; *Atti* 2,22; 7, 35.37). Iżda t-tweġiba tad-dixxipli hija nieqsa mill-aħbar tal-qawmien mill-imwiet u għaldaqstant tibqa' *sempliċi informazzjoni* li ma *tiffurmax* il-qalb għaliex jibqgħu kontenuti li ma *jagħtux tama*. Il-*fidi* li Kristu qam mill-mewt twassal biex id-dixxiplu jsir "Nazarin" (cf. *Atti* 24,5) li ma jsewwidx qalbu bħal min hu bla tama (cf. *1Tess* 4,13): «Iadarba għandna dan il-qassis il-kbir imqiegħed fuq il-familja ta' Alla,  ejjew nersqu b'qalb sinċiera u b'fidi sħiħa, bi qlubna mnaddfin minn kuxjenza ħażina u l-ġisem tagħna maħsul b'ilma safi. Inżommu sħiħ fl-istqarrija qawwija tat-tama tagħna, għax ta' kelmtu huwa dak li għamlilna l-wegħda.» (*Lhud* 10, 21-23; ara *Spe salvi*, 2-3).

**Qalilhom Ġesù: «Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?» U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu.**

Matul il-Vanġelu spiss niltaqgħu mad-dixxiplu li huwa *tqil biex jemmen* speċjalment quddiem it-tħabbira tas-salib (cf. *Lq* 9,45; 18,34; 24, 25.38; *Mt* 26,69-75). Sa mill-bidu tal-ministeru tiegħu Ġesù jistieden għal fidi fih (cf. *Mk* 1,15). Il-fidi hija att diffiċli li jitlob l-umiltà sabiex wieħed aktar milli jisma' it-taħwid ta' moħħu jħalli lil Kristu jkebbislu qalbu bix-xandir u t-tfissir tal-Kelma ta' Alla u hekk jemmen fih. Hawn insibu lil Ġesù li ma jehda qatt jgħallem lid-dixxipli tiegħu u jurihom lilu nnifsu bħala l-għajn u l-mudell tal-Iskrittura li ddawwal il-qalb imħawda tagħhom. Dak li jdawwal l-Iskrittura kollha huwa l-Iben li qiegħed fi ħdan il-Missier (cf. *Ġw* 1,1): huwa Hu nnifsu li fid-djalogu tiegħu mad-dixxipli ta' Għemmaws u mal-Ħdax jagħti bidu għall-interpretazzjoni Kristoloġika tal-Iskrittura: « Mbagħad qalilhom: "Meta kont

għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, 'Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.'" » (*Lq* 24,44). Huwa jagħti l-Ispirtu tiegħU sabiex jissokta jaħdem fid-dixxipli ħalli jifhmu u jfissru l-Iskrittura (cf. *Atti* 4,8; 6,10). Sal-lum huwa Kristu Rxoxt innifsu li "jinsab fostna għax inġbarna mill-imħabba tiegħu, u, kif għamel mad-dixxipli tiegħu, issa qiegħed ifissrilna l-iskrittura u jaqsmilna l-ħobż" (Talba Ewkaristika V/b). Kristu jfehmna li s-salib mhuwiex *aċċident* sfortunat imma huwa «meħtieġ» (v. 26: ἔδει ) biex jidħol fil-glorja tiegħu. Il-mewt ta' Kristu tagħmel parti mill-*pjan ta' Alla* u hija *neċessarja*. Id-dixxiplu, biex jidħol fil-glorja tal-Missier, jeħtieġ jgħannaq il-*misteru tas-salib*: «Huma [Pawlu u Barnaba] kienu jagħmlu l-qalib lid-dixxipli u jħeġġuhom biex jibqgħu fil-fidi, għaliex, kif kienu jgħidulhom, jeħtiġilna (δει) nbatu ħafna biex nidħlu fis-Saltna ta' Alla.» (*Atti* 14,22). Id-dixxiplu msejjaħ sabiex ikompli b'ġismu dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu (cf. *Kol* 1, 24): "Min ma jfittix is-Salib ta' Kristu, ma jfittix il-glorja ta' Kristu" (San Ġwann tas-Salib). Id-dixxiplu għandu jagħraf li l-glorja tal-Irxoxt hija l-glorja tal-Feddej (*ad lucem per crucem*).

**Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel tabirruħu li kien ser jibqa' sejjer aktar 'il bogħod. Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom u qalulu: «Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm.» Imbagħad daħal biex joqgħod magħhom.**

Kristu, «id-dawl» ta' kull bniedem (cf. *Ġw* 1,4; 12,46) *jibqa'* mad-dixxipli biex ma jinħatfux mid-dlam tal-lejl tad-dubju. Kontinwament id-dixxiplu għandu jtenni din it-talba: «Ibqa' magħna» (cf. *Ġw* 4,40).

**U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom.**

Ġesù iwieġeb għat-talba tad-dixxipli sabiex jibqa' magħhom billi jagħtihom don akbar: dak li jibqa' *fihom* permezz tal-Ewkaristija (cf. *Lq* 22,19). Kemm fir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws, kemm f'dak dritt wara x'ħin jidher lil Ħdax (24, 36-47), kif ukoll fid-dehra ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli ħdejn il-baħar ta' Tiberija (*Ġw* 21,1-14) nsibu li d-dlam tad-dubju li jaħkem lid-dixxipli jiġi megħlub permezz tal-ikel. Fl-erbgħin jum li għamel mad-dixxipli tiegħu wara l-qawmien mill-imwiet, Kristu *kien joqgħod magħhom madwar il-mejda* (συναλιζόμενος; *Atti* 1,4) – litteralment «jiekol il-melħ magħhom». Il-melħ li jagħmel li ħaġa tibqa' tajba huwa sinjal tal-*patt il-ġdid* li jibqa' għal dejjem. Huwa Kristu li bl-għotja ta' ġismu u demmu joffri lilu nnifsu "bħala *ikel* lil tiegħu u b'hekk iseħibhom fil-ħajja tiegħu, il-ħajja

nfisha" (Benedittu XVI): «Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih. [...] Min jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem.» (*Ġw* 6, 56.58). Il-*qsim tal-ħobż* isir «fl-ewwel jum tal-ġimgħa» u d-dixxipli jkomplu jinġabru f'dan il-jum biex jaqsmu l-ħobż (*Atti* 20,7; *1Kor* 16,2). L-Insara huma dawk "li jgħixu skont il-Ħadd" (S. Injazju ta' Antijoka), li jibnu ħajjithom fuq il-qawmien ta' Kristu u jitmantnew mill-presenza tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: «Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?»**

Kristu Rxoxt jibdel il-qalb imtaqqla tad-dixxipli, f'qalb imkebbsa lesta biex ixxandar l-aħbar tal-Għid. L-evanġelista Luqa jurina *fejn* id-dixxiplu jiltaqa' ma' Kristu Rxoxt. Bis-smigħ tal-Kelma il-qalb titkebbes; bil-qsim tal-ħobż l-għajnejn jinfetħu u l-bniedem jagħraf f'dak li jterraq miegħu lil Ġesù, is-Salvatur Irxoxt.

**Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien u dan qalulhom: «Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!» U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif għarfuh fil-qsim tal-ħobż.**

Id-dixxipli *jerġgħu lura* lejn Ġerusalemm u jerġgħu jingħaqdu mal-Ħdax. Hemm huma jirċievu l-aħbar li l-Irxoxt deher lil Xmun. Luqa jagħtina formula kerigmatika antika ħafna li toqrob lejn il-kredu antik li nsibu f'*1Kor* 15,3-8: «[...] difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skond l-Iskrittura. U deher lil Kefa, u mbagħad lit-Tnax» (vv.4-5). Il-Knisja tara fi Xmun l-ewwel xhud uffiċjali storiku tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet – *Petrus resurrectionis testis*. Id-dehra tal-Irxoxt lil Pietru u lix-xhud l-oħra hija l-fundament teoloġiku tal-fidi Paskwali tad-dixxipli tal-Mulej (cf.*Atti* 1,21-22; *1Cor* 15,36). Hu fi ħdan il-komunità apostolika li d-dixxiplu jirċievi l-konferma tal-qawmien u jistqarr il-fidi tiegħu frott il-laqgħa persunali mal-Irxoxt.

**Għall-meditazzjoni**

*Għal min fostna d-dar ta' Għemmaws mhijiex familjari? Min ma mexiex fuq dik it-triq f'xi lejl meta kollox kien donnu mitluf? Ġo fina Kristu kien miet. Kienu ħaduhulna d-dinja, il-filosofi, l-ixjenzati, il-passjonijiet tagħna. Ma kienx jeżisti l-ebda Ġesù għalina fuq l-art. Konna nimxu fi triq u xi ħadd ġie ħdejna. Konna waħidna u mhux waħidna. Kien filgħaxija. Hawn ara bieb*

*miftuħ, id-dlam ta' sala fejn il-fjamma tikbes ma ddawwalx ħlief l-art u toħloq dellijiet imħarrka. O ħobż maqsum! O biċċa mill-ħobż mikula minkejja tant miżerja! Ibqa' magħna għax il-jum għoddu ntemm...!*

François MAURIAC, *Vita di Gesù* (1936).